MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2014

Rikors Ta Revoka Numru. 163/2014

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 110/13 fl-ismijiet:**

**Robert Cassar**

**vs**

**Jael Cassar**

**Il-Qorti:**

**Preliminari.**

Rat ir-rikors tas-sekwestrata Jael Cassaripprezentat fl-24 ta' Lulju 2014 fejn b'addizzjoni ma' dak minnha mitlub fir-rikors taghha tas-7 ta' Jannar 2014 talbet illi s-sekwestru numru 110/13 ma jibqax fis-sehh fil-konfront ta' St Joseph School fejn ir-rikorrenti tghallem.

Rat ir-risposta tas-sekwestrant tal-5 ta' Awissu 2014.

Rat l-atti;

Semghat it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet.

Ikkunsidrat;

A skans ta' ripetizzjoni l-Qorti taghmel referenza ghat-tlett decizzjonijiet li qed jinghataw kontestwalment fl-atti tal-mandati numri 247/09; 110/13 u 24/14 u filwaqt li tikkonferma l-konsiderazzjonijiet taghha kollha hemm maghmula zzid dan li gej.

**It-Tnehhija ta' Sekwestratarju mill-Mandat**.

Fir-rikors odjern is-sekwestrata qed titlob illi f'kaz li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju mahrug kontra taghha ma jigiex revokat, qed titlob b'mod sussidjarju illi s-sekwestru de quo ma jibqax fis-sehh fil-konfront ta' St Joseph School b'dan illi St Joseph School tigi mnehhija minn sekwestratarju u jinzamm fis-sehh fil-konfront tas-sekwestratarji l-ohra indikati fil-mandat.

Tghid hekk fir-rigward:

"Illi l-esponenti tippercepixxi bhala manteniment a favur uliedha Amy u Beppe s-somma ta' €164 fix-xahar u l-introjtu taghha jissarraf f'beneficcji socjali li certament mhumiex bizzejjed sabiex tghix hi flimkien maz-zewg minuri, in oltre s-Sekwestrant ma vversa ebda forma ta' manteniment ghal perjodu ta' sentejn minn meta giet stitwita 1-kawza ta' separazzjoni ghaf-favur ta' wliedu u l-uniku manteniment li gie vversat versu l-esponenti kien ghal perjodu ta' tmintax-il xahar, wara dan il-perjodu l-esponenti kellha tirrikorri ghal ghajnuna mill-istat."

Fir-rigward ta' din il-kawzali l-intimat jghid hekk fir-risposta tieghu:-

"5.1. Fit-tieni talba taghha, Jael Cassar titlob illi dina l-Onorabbli Qorti jghogobha tordna li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju in kwistjoni ma jibqax fis-sehh fil-konfront ta' St. Joseph School izda jibqa' fis-sehh fil-konfront tas-sekwestratarji l-ohra;

5.2. Dina t-talba hija improponibbli ghaliex ma hijiex kontemplata rnil-ligi;

5.3. Dina t-talba hija wkoll improponibbli ghaliex l-unika diskrezzjoni li l-ligi taghti lil dina l-Onorabbli Qorti hija li tordna r-revoka ta' mandat kawtelatorju sew fis-shih sew in parti u dana ghal dawk ir-ragunijiet moghtija tassattivament fl-artikolu 836 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

5.4. Kwindi dina t-talba hija improponibbli ghaliex il-ligi ma taghti l-ebda fakulta li debitur jitlob li sekwestratarju jitnehha minn sekwestratarju jew li mandat ta' sekwestru ma jibqax fis-sehh kontra tieghu. Dina hija taiba li ivvintat Jael Cassar u ma hijiex kontemplata mil-ligi;

5.5. Ghalhekk biss dina t-talba ghandha tigi michuda. Aktar 'il quddiem l-esponenti ser iwiegeb u jaghti ragunijiet fil-mertu ghaliex tali talba ghandha tigi michuda."

Ikkunsidrat;

**L-Effett ta' Sekwestru fuq Salarju jew Paga**.

**Artikolu 382 tal-Kap. 12** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:-

*(1) Fil-każ ta' salarju, paga, benefiċċju, pensjoni jew allowance imsemmija fl-artikoli 381(1)(a) u (b), ħlief għal kull benefiċċju, pensjoni, allowance jew għajnuna msemmija fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, meta dawk jeċċedu sitt mija u tmienja u disgħin euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€698.81) fix-xahar jew dik is-somma li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' minn żmien għal żmien b'ordni jistabbilixxi, il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru jkun jgħodd fuq dik il-parti li teċċedi l-ammont imsemmi qabel:*

*Iżda jekk id-debitur jagħmel rikors li fih juri għas-sodisfazzjon tal-qorti li huwa jkollu bżonn dak l-eċċess jew parti minnu għall-manteniment tiegħu jew għall-manteniment tal-familja tiegħu, il-qorti għandha tħassar il-mandat ta' sekwestru dwar dak l-eċċess jew dik il-parti minnu, u wara hekk l-imsemmi mandat għandu jitqies li jkun u li kien mingħajr effett safejn ikun ġie revokat:*

*Iżda wkoll dan l-artikolu ma jgħoddx għas-salarju ta' uffiċjal jew raġel fil-forza regolari ta' Malta.*

*(2) Il-qorti tista', f'kull żmien, tibdel l-ordni mogħtija taħt is-subartikolu (1) fuq talba b'rikors tal-kreditur jew tad-debitur jekk ikun hemm xi tibdil fiċ-ċirkostanzi materjali tad-debitur*.

Ir-rikorrenti qed titlob ir-revoka totali tal-effetti tal-mandat fuq is-salarju taghha ghar-raguni illi apparti li trid tghix hi ghandha zewg ulied minuri maghha.  Fir-rikors taghha tissottometti li kellha terga tohrog tahdem peress li is-sekwestrant ma jivversax manteniment u qed tghix bl-ghajnuna tal-istat.

Ghalkemm l-intimat fir-risposta tieghu jissottometti illi t-talba fir-rigward ta' St Joseph School "hija talba li vvintat Jael Cassar u ma hijiex kontemplata mil-ligi", l-artikolu fuq citat proprju jipprovdi dwar kif il-Qorti tista' tordna li l-effett ta' mandat ta' sekwestru jitnehhew in toto jew in parte minn fuq is-salarju tas-sekwesrat.

Il-Qorti qed tifhem illi t-talba maghmula mir-rikorrenti fir-rigward ta' St Joseph School hija it-tnehhija tal-effetti kollha tas-sekwestru minn fuq is-salarju shih tar-rikorrenti.

Wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, b'mod partikolari illi hemm zewg minuri li jehtigilhom l-assistenza kollha materjali possibbli, il-Qorti hi tal-fehma illi jezistu l-estremi kontemplati mil-ligi sabiex l-effett tal-mandat ta' sekwestru de quo jitnehhew in toto minn fuq is-salarju tar-rikorrenti.\

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi, u ghall-motivi kollha imsemmija fit-tlett decizjonijiet li qed jinghataw kontestwalment u prevja li tichad l-eccezzjonijiet imressqa mill-intimat safejn mhux kompatibbli ma' dak hawn deciz, taqta' u tiddeciedi r-rikors *de quo* billi:-

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel, tat-tieni u tat-tielet talba peress li jinsabu decizi bid-digriet moghti kontestwalemnt ghar-rikors tal-istess rikorrenti pprezentat fis-7 ta' Jannar 2014.

2. Tilqa' t-tieni talba u bis-sahha tal-artikolu 382 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta thassar l-effetti tal-mandat ta' sekwestru numru 110/2013 minn fuq is-salarju kollu tar-rikorrenti Jael Cassar u dan b'effett minn meta inhareg il-mandat de quo.

3. Tordna li kopja ta' dan id-digriet tigi notifikata lis-sekwestratarji kollha f'dan il-mandat.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------